# Heritage Malta tikkundanna vandaliżmu fil-Ġgantija

**Stqarrija | 7 ta' Marzu 2023**

Heritage Malta tikkundanna bla riservi att vandalu li seħħ ilbieraħ fil-Park Arkeoloġiku tal-Ġgantija, fejn student Taljan ikkaġuna ħsara irreparabbli billi naqqax ittri fuq il-ġenb ta' waħda mid-daħliet prinċipali ta' dan il-monument Neolitiku ddikjarat mill-UNESCO bħala Sit ta' Patrimonju Dinji.

L-istudent, li għandu 18-il sena, kien qed iżur is-sit waqt ħarġa skolastika. Huwa nqabad fil-fatt minn uffiċjal tas-sigurtà u immedjatament issejħu l-pulizija fuq il-post. Iż-żagħżugħ tressaq b'urġenza quddiem il-Qorti t'Għawdex ilbieraħ stess, fejn ammetta l-akkużi miġjuba kontrih.

Huwa ġie kkundannat għal sentejn ħabs sospiżi għall-perjodu massimu permess mil-liġi, jiġifieri għal erba' snin. Ġie kkundannat ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €15,000.

Heritage Malta, li f'dawn l-aħħar xhur għamlet investiment sostanzjali biex iżżid is-sigurtà fis-siti u l-mużewijiet tagħha, tesprimi sodisfazzjon għall-intervent f'waqtu tal-uffiċjal tas-sigurtà involut fil-każ tal-bieraħ.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta